**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015**

Numru: 12

**Rikors Nru. 1005/2015**

**Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rappresentanza**
**tal-bank esteru Deutsche Bank Akteingesellschaft**
**Filiale Deutschlandgeschäft, registrat gewwa l-Germanja**

**vs**

**Il-bastiment MV DAXIA (b'IMO nru 9588598)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tat-23 ta' Ottubru 2015 li jghid hekk:

Illi l-bank rikorrenti huwa kreditur tal-bastiment intimat fl-ammont globali ta' tlieta u disgha u hamsin miljun, tmien mija u tlett telef u tmienja u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmu (€59,803,058.86), salv spejjez u imghaxijiet ulterjuri dovuti mit-tlettin (30) ta' April 2015 sad-data effettiv tal-pagament.

Illi dan il-kreditu huwa naxxaneti in segwitu ta':

A. Fir-rigward l-Ewwel Ipoteka Navali (First Preferred Mortgage) registrata fuq il-bastiment intimat a favur il-bank rikorrenti

1. Kuntratt ta' Self (First Loan Agreement) datat 7 ta' Ottubru 2011, li permezz tieghu l-fuq msemmija bank Deutsche Bank Aktiengesellschaft Filiale Deutschlandgeschäft obbliga ruhhu sabiex issellef lil diversi socjetajiet esteri in solidum, fosthom Kanishka Shipping, Ltd., is-somma ta' hamsin miljun dollar Amerikan (USD50,000,000) jew ta' hamsa u sebghin fil-mija (75%) tal-prezz tas-suq ghal xiri ta' diversi bastimenti, liema minnhom hi l-inqas.

2. Novation and First Supplemental Agreement datat 1 ta' Marzu 2013 bejn il-bank rikorrenti u diversi socjetajiet fosthom Kanishka Shipping, Ltd., u Daxia Shipping, Ltd., fejn permezz ta' din l-iskrittura l-partijiet ftehmu fuq diversi amendi ghal fuq imsemmi Kuntratt ta' Self (First Loan Agreement) fosthom illi numru ta' socjetajiet ohra ghandhom jitqiesu ukoll bhala socjetajiet debitrici in solidum kif ukoll illi permezz ta' din l-iskrittura d-drittijiet u obbligi kollha ta' Kanishka Shipping, Ltd. kellhom jigu assunti minn Daxia Shipping, Ltd. (is-sid registrat tal-bastiment Daxia) bil-konsegwenza illi Kanishka Shipping, Ltd. ma ghandiex titqies aktar bhala socjeta debitrici. Permezz ta' dan il-kuntratt, il-partijiet ftehmu ukoll illi l-obbligi kollha tal-fuq imsemmi Kuntratt ta' Self, hekk kif emendat, kellhom jkomplu japplikaw.

3. Side Letter datata 9 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha l-partijiet ftehmu fuq xi amendi ulterjuri ghall-Kuntratt ta' Self (First Loan Agreement).

4. First Preferred Panamanian Ship Mortgage, ossia ipoteka navali, fuq il-bastiment intimat Daxia (IMO Numru 9472206) datata 20 ta' Marzu 2013 u rregistrat fir-registru navali ta' Liberja fl-ammont globali ta' hamsa u hamsin miljun dollar Amerikan (USD55,000,000) a favur l-bank rikorrenti Deutsche Bank Aktiengesellschaft Filiale Deutschlandgeschäft, u dan in kawtela tal-obbligi naxxenti mill-kuntratti fuq imsemmija.

B. Fir-rigward it-Tieni Ipoteka Navali (Second Preferred Mortgage) registrata fuq il-bastiment intimat a favur il-bank rikorrenti

5. Kuntratt ta' Self (Second Loan Agreement) datat 7 ta' Ottubru 2011, li permezz tieghu l-bank rikorrenti Deutsche Bank Aktiengesellschaft Filiale Deutschlandgeschäft, sellef lis-socjeta Iskandar Shipping, Ltd., is-somma ta' hamsa u ghoxrin miljun dollaru Amerikan (USD25,000,000) sabiex is-socjeta debtrici tkun f'pozizzjoni li tixtri bastiment.

6. First Supplemental Agreement to the Second Loan Agreement, datat 1 ta' Marzu 2013 bejn il-bank rikorrenti, is-socjeta debitrici Iskandar Shipping, Ltd., kif ukoll diversi socjetajiet ohrajn fosthom Daxia Shipping, Ltd., fejn permezz ta' din l-iskrittura l-partijiet ftehmu fuq diversi emendi ghall-imsemmi Kuntratt ta' Self (First Loan Agreement) fosthom illi Daxia Shipping, Ltd., tat garanzija lill bank rikorrenti fir-rispett tal-obbligi tas-socjeta debitrici Iskandar Shipping, Ltd.

7. Side Letter datata 9 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha l-partijiet ftehmu fuq xi emendi ulterjuri ghall-Kuntratt ta' Self (Second Loan Agreement), kif sussegwentament emendat.

8. Ftehim ta' Garanzija (Guarantee and indemnity Agreement) datat 1 ta' Marzu 2013 bejn il-bank rikorrenti Deutsche Bank Aktiengesellschaft Filiale Deutschlandgeschäft u Daxia Shipping, Ltd. (is-sid registrat tal-bastiment Daxia) fejn din tal-ahhar obbligat ruhha taghmel tajjeb ghad-djun tas-socjeta debitrici Iskandar Shipping, Ltd, fin-nuqqas li din tal-ahhar ma thallasx il-bank rikorrenti dawk is-sommom dovuti minnha.

9. Second Preferred Panamanian Ship Mortgage, ossia ipoteka navali, fuq il-bastiment intimat Daxia (IMO Numru 9472206) datata 20 ta' Marzu 2013 u rregistrat fir-registru navali ta' Liberja fl-ammont globali ta' tnejn u tlettin miljun u hames mitt elf dollar Amerikan (USD32,500,000) a favur l-bank rikorrenti Deutsche Bank

Aktiengesellschft Filiale Deutschlandgeschäft, u dan in kawtela tal-obbligi naxxenti mill-kuntratti fuq imsemmi.

10. Certifikat (Certificate of Ownership and Encumbrances) datat 10 ta' April 2015 mahrug mill-Awtorita Marittima gewwa I-Liberja (kopja annessa u mmarkata bhala Dokument AF2) li juri b'mod car illi iz-zewg ipoteki navali ipoteka (kemm il-First Preferred Mortgage kif ukoll is-Second Preferred Mortgage) ghadhom sallum irregistrati fuq il-bastiment intimat Daxia.

11. Parir Legali datata 13 ta' April 2015 mahrug mid-ditta tal-avukati ta' Poles Tublin, Stratakis & Gonzalez LLP (hawn anness u mmarkat Dokument AF3), liema parir legali jikkonferma illi dawn iz-zewg ipoteki navali registrati fuq il-bastiment intimat fir-registru tal-bastimenti merkantili tal-Liberja jissodisfaw r-rekwiziti kollha elenkati f'artikolu 49 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe illi:

(a) L-ipoteki navali huma validament registrati fir-registru tal-Bastimenti Merkantili tal-Liberja
(b) Ir-registru tal-Bastimenti Merkantili tal-Liberja huwa registru publiku;
(c) Li l-ipoteki navali jidhru u huma evidenti meta wiehed jaghmel search f'dan ir-registru;
(d) Li l-ipoteki navali jinghataw status privileggjat taht il-Ligi tal-Liberja u huma b'mod generali ekwivalenti fi status ghal-mortgage registrat fir-registru tal-bastimenti merkantili Maltin.

Ghalhekk ai termini tal-istess artikolu 49, dawn iz-zewg ipoteki navali registrati fir-registru tal-bastimenti Merkantili tal-Liberja ghandhom l-istess drittijiet u poteri daqs li kieku kienu ipoteki navali registrati taht l-Att dwar il-Bastimenti Mekantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta - u ghalhekk jistghu jigu enforzati bl-istess mod bhal kwalunkwe titolu ezekuttiv iehor.

Peress illi s-sommom massimi garantiti permezz ta' dawn iz-zewg ipoteki navali kollha jidhru espressament fl-instrumenti li holqu il-gazanziji (u cioe l-fuq imsemmija ipoteki navali) u peress illi dawn ic-cifri huma registrati fir-registru pubbliku tal-bastimenti fil-Liberja, dawn iz-zewg ipoteki navali jissodisfaw ir-rekwiziti kollha taht artikolu 42(2) ta' Kap. 234 ta' Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dawn l-ipoteki navali ghandhom jitqiesu bhala titoli ezekuttivi ghall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodici dwar l-Organizzazzjoni u Procedura Civili et seq.

Peress illi l-pagamenti kollha dovuti lil bank rikorrenti u li gew kawtelati bir-registrazzjoni tal-imsemmija z-zewg ipoteki navali ghadhom sallum dovuti u ghadhom ma thallsux, jezistu numru ta' "Events of Default":

i. Fir-rigward l-ewwel ipoteka navali (First Preferred Mortgage) tezisti "Event of Default" ai termini ta' Klawzola 13 tal-fuq imsemmi First Loan Agreement, u specifikament Klawzola 13.1.1 (Non-Payment) li tghid:

"13.1 Events of Default Each of the events or circumstances set out in this Clause 13.1 is an Event of Default.
...

13.1.1. Non-Payment The Borrowers do not pay on the due date any amount payable by them under a Finance Document at the place and in the currency in which it is expressed to be payable. "

Illi ghal kull buon fini jinghad ukoll li jezistu numru ta' Events of Defaults ohrajn taht l-istess ftehim; u

ii. Fir-rigward t-tieni ipoteka navali (Second Preferred Mortgage) tezisti "Event of Default" ai termini ta' Klawzola 12 tal-fuq imsemmi First Loan Agreement, u specifikament Klawzola 12.1.1 (Non-Payment) li tghid:

"12.1 Events of Default Each of the events or circumstances set out in this Clause 12.1 is an Event of Default.
...
12.1.1. Non-Payment The Borrowers do not pay on the due date any amount payable by them under a Finance Document at the place and in the currency in which it is expressed to be payable. "

Illi ghal kull buon fini jinghad ukoll li jezistu numru ta' Events of Defaults ohrajn taht l-istess ftehim.

B'ittra datata 9 ta' Marzu 2015, is-socjeta Daxia Shipping, Ltd., regghet giet formalment notifikata minghand il-bank rikorrenti permezz ta' Notice of Default, Demand and Acceleration illi kien hemm inadempjenza taht l-fuq imsemmi First Loan Agreement u li ghalhekk kellu jithallas is-somma ta' disgha u tlettin miljun, tmien mija u hamsin elf, disgha mija u tnejn u ghoxrin dollaru Amerikan u hamsa u ghoxrin centezmu (USD39,850,922.25) kif ukoll is-somma ta' sitt telef, disgha mija u hamsin ewro (EUR6,950) rapprezentanti l-ammonti dovuti sad-data li nbaghtet din l-ittra.

B'ittra datata 9 ta' Marzu 2015 is-socjeta Iskandar Shipping, Ltd., regghet giet formalment notifikata minghand il-bank rikorrenti permezz ta' Notice of Default, Demand and Acceleration illi kien hemm inadempjenza taht l-fuq imsemmi Second Loan Agreement u li ghalhekk kellu jithallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin miljun, disgha mija u tnax-il elf, tlett mija u sitt dollaru Amerikan u sebgha u sittin centezmu USD22,912,306.67) kif ukoll is-somma ta' sebat elef, sebgha mija u hamsin ewro (EUR7,750) rapprezentanti l-ammonti dovuti sad-data li nbaghtet din l-ittra.

Illi b'ittra ohra, ukoll datata 9 ta' Marzu 2015, is-socjeta Daxia Shipping, Ltd. li kienet tat garanzija, ukoll regghet giet formalment notifikata minghand il-bank rikorrenti permezz ta' Notice of Default, Demand and Acceleration illi kien hemm din l-inadempjenza taht l-fuq imsemmi Second Loan Agreement u li ghalhekk kellu jithallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin miljun, disgha mija u tnax-il elf, tlett mija u sitt dollaru Amerikan u sebgha u sittin centezmu USD22,912,306.67) kif ukoll is-somma ta' sebat elef, sebgha mija u hamsin ewro (EUR7,750) rapprezentanti l-ammonti dovuti sad-data li nbaghtet din l-ittra.

Illi nonostante li ntbaghtu dawn l-ittri lis-sid tal-bastiment, Daxia Shipping, Ltd, dawn l-ammonti baqghu sa llum dovuti ghaliex l-istess sid tal-bastiment intimat baqa' inadempjenti.

Illi permezz ta' ittri ufficjali numerati 1338/15 u 1339/15 presentat fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' April 2015 (kopji ta' dawn l-ittri ufficjali qedghin jigu annessi u mmarkati bhala Dokumenti 'AF4' u 'AF5' rispettivament), notifikati lill-bastiment, il-bank rikorrent nterpellat lis-sid tal-bastiment sabiex ihallas l-ammonti dovuti minnhu, izda s-sid sal-lum xorta wahda baqa' inadempjenti.

Illi nonostante n-notifikat tal-fuq imsemmija ittra ufficjali Daxia Shipping, Ltd, (is-sid tal-bastiment MV DAXIA) baqa' inadempjenti u ghalhekk skond il-ligi iz-zewg ipoteki navali fuq il-bastiment MV DAXIA registrati favur il-bank rikorrent, liema ipoteki navali kif gja ntqal hawn fuq huma titoli ezekuttivi li issa gew rezi ezegwibbli ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12.

Illi in kawtela tal-kreditu dovut, il-bank rikorrenti ottjena il-hrug ta' zewg mandati ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar b'numru 584/15MCH u 585/15MCH kontra l-bastiment MV Daxia fit-13 ta'April 2014 li gew ezegwiti dak in-nhar stess (Kopja tal-imsemmija mandati qed jigu annessi u mmarkati bhaha Dokumenti 'AF6' u 'AF7' rispettivament, liema mandati kawtelatorji sussegwentament gew rezi ezekuttivi permezz tal-presentazzjoni ta' zewg noti ai termini tal-artikolu 838B tal-Kap. 12 fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti fit-29 ta' April 2015 kif milqughin minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' April 2015 kopja ta' dawn in-noti flimkien mad-digrieti relattivi ta' dina l-Onorabbli Qorti huma hawn annessi u mmarkati 'Dokumenti 'AF8' u 'AF9' rispettivament. Permezz ta' dawn in-nota, il-kreditu tal-rikorrenti nomine gie kanonizat fl-ammont globali ta' disgha u hamsin miljun, tmien mija u tlett telef u tmienja u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmu (€59,803,058.86), salv spejjez u imghaxijiet ulterjuri dovuti sad-data effettiv tal-pagament.

Illi ghalhekk il-bastiment MV Daxia jinsab ghalhekk maqbud fl-ibhra territorjali ta' Malta.

Illi in vista tal-fatt li sallum ma sar ebda hlas favur il-bank rikorrent, u peress illi l-istess bank rikorrent imexxilu jsib xerrej li huwa lest jixtri l-istess bastiment ghall-prezz determinat, l-istess rikorrent issa jixtieq jenforza it-titolu ezekuttiv li ghandu permezz tal-bejgh tal-istess bastiment Daxia, approvat mill-Qorti ai termini ta' artikoli 358 sa 364 ta' Taqsima 1, Titolu VII subtitolu V tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili "Fuq il-bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru":

A. Illi ai termini ta' artikolu 358 din l-Onorabbli Qort fuq rikors ta' kreditur b'titolu ezekuttiv, ghandha s-setgha tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat u bil-hlas ta' prezz determinat.

B. Illi ai termini ta' artikolu 359 ir-rikorrenti noe qeghda tipprezenta ma' dan l-istess rikors, zewg stimi kif mitluba mill-ligi ta' zewg stimaturi indipendenti u ta' fama internazzjonali liema stimi jindikaw li l-valur fuq is-suq prezenti u attwali tal-bastiment Daxia fil-kundizzjoni li jinsab fiha il-bastiment, huwa ta' bejn tlettax-il miljun, sebgha mija u hamsin elf dollaru Amerikan (US$13,750,000) (ekwivalenti ghal circa tnax-il miljun, mija u tlett telef, tmien mija u tlieta u sebghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€12,103,873)) u s-somma ta' erbatax il-miljun dollaru Amerikan (US$14,000,000) (ekwivalenti ghas-somma ta' tnax-il miljun, tlett mija u tlieta u ghoxrin elf, disgha mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u sittin centezmu (€12,323,943.66)).

C. Illi z-zewg stimaturi huma:

a) l-Ing. Paul Cardona u l-Ing. Karl Briffa ta' MICS Ltd - li taw stima ta' erbatax-il miljun dollaru Amerikan (US$14,000,000) ekwivalenti ghas-somma ta' tnax-il miljun, tlett mija u tlieta u ghoxrin elf, disgha mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u sittin centezmu (€12,323,943.66)), kopja annessa u mmarkata bhala 'Dokument AFI0'

U

b) Is-socjeta estera Cargo Overseas Surveyor GmbH & Co KG, registrata gewwa l-Germanja li tat stima ta' tlettax-il miljun, sebgha mija u hamsin elf dollaru Amerikan (US$13,750,000) ekwivalenti ghal circa tnax-il miljun, mija u tlett elef, tmien mija u tlieta u sebghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€12,103,873). Kopja annessa u mmarkata bhala 'Dokument AF12'.

D. Illi l-bank rikorrenti mexxielu issib xerrej li hu ppreparat ihallas is-somma ta' tlettax-il miljun, hames mija u tmienja u erbghin elf, disgha mija u wiehed u hamsin ewro u hames centezmu (€13,548,951.05) ekwivalenti ghas-somma ta' USD15,500,000 ghall-dan il-bastiment u cioe circa miljun ewro aktar mill-oghla stima.

E. Ghalhekk qed jigi sottomess li l-prezz ta' tlettax-il miljun, hames mija u tmienja u erbghin elf, disgha mija u wiehed u hamsin ewro u hames centezmu (€13,548,951.05) huwa ragonevoli ferm fic-cirkostanzi tal-kaz.

F. Ghalhekk fil-hmistax (15) ta' Ottubru 2015 intlahaq ftehim preliminari u cioe Memorandum of Agreement, bejn il-bank rikorrent Deutsche Bank Aktiengesellschaft Filiale Deutschlandgeschäft, kif ukoll is-socjeta estera Glamour Bulk 1 Maritime Limited (li hija nkorporata gewwa l-Liberja), fejn din tal-ahhar ikkonfermat li hija lesta tixtri il-bastiment ghas-somma ta' tlettax-il miljun, hames mija u tmienja u erbghin elf, disgha mija u wiehed u hamsin ewro u hames centezmu (€13,548,951.05) u dan skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim (kopja annessa u mmarkata bhala 'Dokument AF 12') inkluz l-kundizzjoni li l-bejgh ikun jista' isir biss jekk jigi approvat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' artikolu 358.

G. Illi skond Klawzola 1 ta' dan l-istess Memorandum of Agreement, il-partijiet ftehmu illi Dr. Kris Borg detentur ta' Karta ta' Identita Numru 10768M kellu jigi nominat lil dina l-Onorabbli Qorti fir-rikors ghall-bejgh approvat mill-Qorti tal-bastiment ghall-finijiet ta' artikoli 362 and 363 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet Malta.

H. Ghalhekk ir-rikorrenti noe qeda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tahtar li Dr. Kris Borg bhala l-persuna li tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tal-bastiment, kif ukoll sabiex dan ikun intitolat jiddepozita l-prezz tal-bastiment fil-Qorti fi zmien sebat ijiem mid-data ta' meta l-bejgh jigi finalizzat.

Illi ai termini ta' artikolu 360 dan ir-rikors qed jigi notifikat lil kull min ghandu interess f'dan il-bastiment kif maghruf lil bank rikorrenti u cioe, lix-xerrej il-gdid, lil-bastiment intimat, u ghall kull buon fini lid-Direttur tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta.

Illi ghal kull buon fini qed jigi iddikjarat illi mill-atti taI-Qorti ma jidhirx li hemm kredituri ohra tal-istess bastiment.

Ghalhekk bl-akbar rispett u umilta Iejn I-awtorita ta' din I-Onorabbli Qorti r-rikorrenti nomine titlob:

1. Illi ai termini ta' artikolu 358, il-Qorti tapprova I-bejgh privat tal-bastiment MV Daxia lis-socjeta estera Glamour Bulk 1 Maritime Limited ghall-prezz ta' tlettax-il miljun, hames mija u tmienja u erbghin elf, disgha mija u wiehed u hamsin ewro u hames centezmu (€13,548,951.05), u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat hmistax (15) ta' Ottubru 2015.

2. Illi ai termini ta' artikolu 362, il-Qorti fid-digriet ta' approvazzjoni tal-bejgh tahtar lil Dr. Kris Borg detentur ta' Karta ta' Identita Numru 10768M bhala I-persuna li b'hekk tkun intitolata tittrasferixxi I-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti u dan bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi partikolarment, artikoli 362 sa 364 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fin-nuqqas li Dr. Kris Borg, detentur ta' Karta ta' Identita Numru 10768M jigi mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti ghall-fuq imsemmija finijiet, il-Qorti tahtar persuna ohra ghall-dawk l-istess finijiet.

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lil bastiment intimat li ma pprezenta ebda risposta u anqas deher xi hadd mill-intimati ghas-seduti tat-2 u 9 ta’ Novembru 2015;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta’ vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta’ prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrent ghandu kreditu naxxenti minn zewg loan agreements datati 7 ta’ Ottubru 2011 b’novazzjoni fl-1 ta’ Marzu 2013 u emendi ulterjuri fid-9 ta’ Ottubru 2014, u kuntratt iehor ta’ self datat 7 ta’ Ottubru 2011 kif supplementat u emendat bi ftehim tal-1 ta’ Marzu 2013 u 9 ta’ Ottubru 2014 kawtelati z-zewg ftehim b’ipoteki navali fir-registru tal-bastiment intimat datati 20 ta’ Marzu 2013.

Id-debitur hu fi stat ta' insolvenza u ghalhekk kien responsabbli ghal default skond l-imsemmija ftehim u fid-9 ta' Marzu 2015 id-debitur cioe sidien il-vapur, ukoll debituri flimkien mal-garanti gew notifikati bid-default.

B'ittra ufficjali tal-14 ta' April 2015 notifikata lil bastiment, il-bank interpella lis-sid il-bastiment biex jithallas l-ammont dovut izda baqa' inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikolu 42(4) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta' ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma' esekuzzjoni ta' ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti w intimazzjonijiet li saru illi l-bank rikorrenti ghandu kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-vapur MV DAXIA proprjeta tad-debituri b'mod privat cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa fl-atti zewg stimi indipenenti tal-valur tal-vapur cioe wahda tal-Inginier Paul Cardona u Ing. Karl Briffa u l-ohra tas-socjeta esters Cargo Overseas Surveysor GmBH & Co KG tal-Germanja u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-ewwel stima hi ta' US$14,000,000 (€12,323,943.66) u l-ohra ta' US$13,750,000 (€12,103,873).

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta estera Glamour Bulk 1 Maritime Limited bil-valur ta' €13,548,951.05 skont Memorandum of Agreement tal-15 ta' Ottubru 2015. Din l-offerta tissupera l-istimi indipendenti. Il-Qorti tqis li l-offerta hi vantagguza fic-cirkostanzi prezenti tal-qaghda finanzjarja dinjija. In oltre gew prezentati offerti ohra maghmula ghall-istess vapur, fuq inizjattiva tal-bank kreditur li huma ferm inqas mill-offerta soggetta ghal Memorandum of Agreement (ara affidavit ta' Sonja Maria Dahmen, uffijcal tal-bank kreditur). Jinghad ukoll fl-istess affidavit illi l-bank inkorra diversi spejjez biex izomm il-vpaur fi stat tajjeb sakemm qieghed f'Malta u hallas lill-haddiema.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandhux isir fit-termini tal-Memorandum of Agreement kif hu esebit fl-atti.

In oltre r-rikorrenti ddikjara li ma hemmx kredituri ohra.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment MV DAXIA (IMO 9588598) lis-socjeta estera Glamour Bulk 1 Maritime Limited bil-prezz ta' €13,548,951.05 skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 15 ta' Ottubru 2015, li hu esebit fl-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil avukat Dr. Kris Borg sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tat-15 ta' Ottubru 2015 bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur